MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 21/2015

**Danielle Mizzi (I.D. 537263M) u Joan Engerer (I.D. 448657M)**

**vs**

**Erika Spiteri u Rosanna sive Roxanne Rizzo u ghal kull interess li jista' jkollu Hector Spiteri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi datat 12 ta’ Jannar 2015 fejn esponew: -

Illi Hannibal Pace miet fis-16 ta' Jannar 2005 (Dok A) u martu Edith Pace mietet fid-19 ta' Awwissu 2012 (Dok B);

Peress illi l-partijiet, eccettwat Hector Spiteri, huma l-erba' ulied tal-imsemmija Hannibal u Edith konjugi Pace filwaqt li l-konvenut Hector Spiteri huwa zewg il-konvenuta Erika Spiteri;

Illi skont ir-ricerki testamentarji ta' Hannibal Pace (Dok C u D) il-wirt tieghu huwa regolat bit-testment *unica charta* datat 3 ta' Gunju 1988 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Brincat (Dok E) kif modifikat bit-testment addizzjonali datat 13 ta' Jannar 2005 fl-atti tan-Nutar Dr. Andre Farrugia (Dok F);

Illi bit-testment datat 3 ta' Gunju 1988, it-testatur Hannibal Pace halla lil martu Edith Pace b'titolu ta' legat il-kwart indiviz tal-assi ereditarji tieghu in pjena proprjeta` u l-uzu u uzufrutt tar-rimanenti tlett kwarti u nnomina bhala eredi universali tieghu lil partijiet kollha indaqs bejniethom eccettwat Hector Spiteri, cioe` kwart kull wahda minnhom u bit-testment addizzjonali tat-13 ta' Jannar 2005 halla b'legat lin-neputih Jacques Mizzi (iben l-attrici Danielle Mizzi) l-arlogg imsemmi fl-istess testment, wirt parafernali tieghu;

Illi skont ir-ricerki testamentarji ta' Edith Pace (Dok G u H) il-wirt taghha huwa regolat bit-testment datat 11 ta' Jannar 2010 fl-atti tan-Nutar Francesca Borg (Dok I) kif modifikat bit-testment addizzjonali datat 20 ta' April 2010 fl-atti tal-istess Nutar Francesca Borg (Dok J);

Illi bl-ewwel imsemmi testment tal-11 ta' Jannar 2010, it-testatrici Edith Pace halliet diversi prelegati lill-erba' uliedha (il-partijiet eccettwat Hector Spiteri) u legati liz-zewg neputijiet taghha, ulied il-konvenuta Erika Spiteri, u nnominat bhala eredi universali taghha lil partijiet kollha indaqs bejniethom eccettwat Hector Spiteri, cioe` kwart kull wahda minnhom u bit-testment addizzjonali tal-20 ta' April 2010 iddikjarat li l-konvenuta Rosanna Rizzo qeghda tirrisjedi fid-dar matrimonjali tat-testatrici u ta' zewgha premort b'mera tolleranza;

Illi bid-diversi prelegati u legati mhollija mit-testatrici fit-testment taghha tal-11 ta' Jannar 2010, hija ddisponiet minn diversi assi, inkluzi depoziti bankarji u nvestimenti u effetti mobbli ta' valur prezzjuz li ma kienux jappartjenu lilha ghaliex jew huma derivanti mill-wirt parafernali tal-premort zewgha jew huma formanti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u zewgha, liema komunjoni qatt ma giet likwidata, liema prelegati u legati ma gewx imhollija bhala legati *di cosa altrui;*

Illi *inoltre* t-testatrici Edith Pace, fit-testment tal-11 ta' Jannar 2010 innominat lill-konvenut Hector Spiteri (zewg il-konvenuta Erika Spiteri) u lil David Engerer (zewg l-attrici Joan Engerer) bhala ezekuturi testamentarji taghha;

Illi David Engerer ma accettax li jagixxi ta' ezekutur testamentarju filwaqt li l-konvenut Hector Spiteri, mhux talli accetta izda talli qed jittanta

jezegwixxi l-likwidazzjoni tal-wirt ta' Edith Pace minghajr ma jaghti kaz li parti mill-assi ereditarji u parti mill-prelegati u legati mhollija mit-testatrici, ma jappartjenux lilha izda lill-assi tal-premort Hannibal Pace li ma nnominahx ezekutur testamentarju tieghu;

Illi, hlief ghad-depoziti bankarji u nvestimenti, l-konvenuti Erika Spiteri, Rosanna Rizzo u Hector Spiteri ghandhom il-pussess esklussiv tal-assi mobiljari inkluz l-effetti mobbli mhollija bi prelegati u legati mill-konjugi Hannibal u Edith Pace;

Illi *inoltre* l-konvenut Hector Spiteri ghandu u baqa' jzomm fil-pussess tieghu s-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) appartenenti lill-assi ereditarji tal-konjugi Hannibal u Edith Pace;

Illi wara ittra legali datata 23 ta' Awwissu 2013 mibghuta lill-avukat tal-konvenut Hector Spiteri (Dok K) dan tal-ahhar irrisponda b'ittra datata 3 ta' Settembru 2013 (Dok L) fejn wera bic-car li l-kwistjoni tal-prelegati u legati u tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Hannibal u Edith Pace kienu kwistjonijiet li setghet tirrisolvihom biss il-Qorti;

Illi l-konvenuta Rosanna Rizzo qeghda tokkupa il-fond 39, Villa Mheriez, Triq G. Despott, Kappara, San Gwann, wiehed mill-assi immobiljari tal-mejtin ghenituri taghha, minghajr ebda titolu validu fil-ligi ghajr dak ta' kompropjetarja bhala eredi tal-istess genituri;

Illi l-atturi jridu li d-divizjoni tal-wirt u immissjoni fil-pussess tal-prelegati u legati mhollija mill-konjugi Pace isir skont il-ligi u skont it-testmenti taz-zewg testaturi.

TALBIET

Illi jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti li kienet tezisti bejn il-konjugi Hannibal u Edith Pace fil-mument tal-mewt ta' Hannibal Pace.

2. Tordna konsegwentement id-divizjoni tal-assi komunitarji f’zewg porzjonijiet u tassenja l-kwota ta' tlieta minn tmienja (3/8) lill-assi partikolari ta' Hannibal Pace u l-kwota ta' hamsa minn tmienja (5/8) lill-assi partikolari ta' Edith Pace.

3. Tillikwida l-assi partikolari ta' Hannibal Pace inkluz l-assi parafernali tieghu, u tassenja tliet kwarti (3/4) mill-istess assi lill-assi partikolari ereditarji ta' Hannibal Pace u r-rimanenti kwart (1/4) mill-istess assi lill-assi partikolari ereditarji ta' Edith Pace.

4. Tiddikjara nulli u bla effett dawk il-partijiet tal-prelegati u legati mhollija mit-testatrici Edith Pace li jirrizultaw bhala assi partikolari u ereditarji tal-mejjet Hannibal Pace *ai termini* tal-artikolu 698 tal-Kodici Civili.

5. Tikkundanna lill-konvenut Hector Spiteri sabiex jirrifondi s-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) lill-assi ereditarji tal-konjugi Pace fil-kwota ta' tlieta minn tmienja (3/8) lill-assi ereditarji ta' Hannibal Pace u hamsa minn tmienja (5/8) lill-assi ereditarji ta' Edith Pace.

6. Tordna lill-konvenut Hector Spiteri sabiex, bhala ezekutur testamentarji ta' Edith Pace, ma jipprocedix ghal-likwidazzjoni tal-assi ereditarji ta' Edith Pace jekk mhux *ai termini* ta' din is-sentenza.

7. Tikkundanna lill-konvenuti Rosanna Rizzo, Erika Spiteri u Hector Spiteri (qua esekutur) sabiex jimmettu fil-pussess tal-atturi u ta' Jacques Mizzi dawk il-prelegati u legati lilhom mhollija mill-konjugi Pace sa fejn l-istess prelegati u legati huma validi *ai termini* tal-imsemmi artikolu 698 tal-Kodici Civili.

8. Prevja l-hlas u immissjoni fil-pussess tad-diversi prelegati u legati mhollija mill-konjugi Pace skont kif fuq ordnat, tiddividi l-gid rimanenti lill-partijiet kollha, eccettwat il-konvenut Hector Spiteri, fil-kwota ta' kwart kull wahda minnhom mill-erba' ulied tal-imsemmija Hannibal u Edith konjugi Pace.

9. Tinnomina jekk ikun hemm bzonn perit tekniku ghal finijiet tal-likwidazzjoni tal-beni.

10. Tordna l-bejgh b'licitazzjoni ta' dak kollu li mhuwiex komodament divizibbli.

11. Tikkundanna lil konvenuta Rosanna Rizzo sabiex tizgombra mill-fond 39, Villa Mheriez, Triq G. Despott, Kappara, San Gwann, minnufih li l-istess fond jigi trasferit lil terzi.

12. Tinnomina nutar u kuraturi ghall-eventwali kontumaci sabiex jigu pubblikati l-atti relattivi nkluzi dawk tal-immissjoni fil-pussess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-15 ta' Jannar 2015.

Rat ir-risposta guramentata ta' Hector Spiteri ID Nru 525958(M) datata 17 ta' Marzu 2015 (fol 63) fejn bil-gurament ikkonferma fatti li jafhom personalment;

1. Illi huwa mhuwiex eredi izda biss ezekutur testamentarju nominat minn Edith Pace u b'hekk ma jopponix it-talbiet ghad-divizjoni u jissottometti ruhu ghall- gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti f' dan ir-rigward.

2. Illi, bla pregudizzju ghas-suppost, il-konvenut esponenti mhuwiex indikat bhala parti diretta f'din il-kawza u b'hekk it-talba numru hamsa (5) fir-rikors promotorju hija insostenibbli u ghandha ligi rigettata.

3. Illi fir-rigward tal-hames (5) talba ta' l-atturi l-esponent jiddikjara illi m'ghandu l-ebda somma indikata mill-atturi ta’ ghaxart elef ewro (€10,000) li kienu jappartjenu lil Edith Pace.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma t-Tlieta, 9 ta’ Gunju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Albert Libreri ghar-rikorrenti prezenti u Hector Spiteri assistit minn Dr Austin Sammut. Dr Fransina Abela msejha tliet darbiet ma dehritx.

Dr Libreri talab aktar zmien biex ilesti l-affidavit tal-atturi, il-Qorti laqghet it-talba u tordna li l-affidavits jigu prezentati sat-30 ta’ Gunju 2015. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet prezenti fir-rigward tat-tieni eccezzjoni ssollevata mill-konvenut Hector Spiteri, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-Qorti wara li semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet halliet l-kawza ghas-sentenza fuq it-tieni eccezzjoni tal-intimat Hector Spiteri ghas-16 ta’ Lulju 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Ikkonsidrat li permezz ta' din il-kawza, l-atturi qed jitolbu d-divizjoni tal-wirt u immissjoni fil-pussess tal-prelegati u legati mhollija mill-genituri

taghhom Hannibal u Edith konjugi Pace skont il-ligi u skont it-testmenti taz-zewg testaturi.

Illi l-imsemmija testaturi huma wkoll il-genituri tal-intimati Erika Spiteri u Roxanne sive Roxanne Rizzo filwaqt li Hector Spiteri huwa zewg Erika Spiteri u gie nnominat ezekutur testamentarju tat-testatrici Edith Pace fit-testment taghha tal-11 ta' Jannar 2010.

L-intimati Erika Spiteri u Roxanne Rizzo irrispondew ghat-talbiet billi ddikjaraw li jaqblu maghhom kollha ghajr ghal dawk li jirrigwardaw lill-Hector Spiteri li dwarhom mhumiex edotti.

Illi ghal dak li jirrigwarda din is-sentenza *in parte,* Hector Spiteri eccepixxa permezz tat-tieni (2) eccezzjoni tieghu, li ***mhuwiex indikat bhala parti diretta f'din il-kawza u b'hekk it-talba numru hamsa (5) fir-rikors promotorju hija insostenibbli u ghandha tigi rigettata.***

**Din is-sentenza ser tindirizza din it-tieni eccezzjoni.**

**Fatti marbuta ma' din l-Eccezzjoni**

Illi ghal dak li huma fatti rilevanti, l-atturi flimkien ma' Erika Spiteri u Roxanne Rizzo huma l-erba' ulied tat-testaturi Hannibal u Edith, konjugi

Pace, li mietu rispettivament fis-16 ta' Jannar 2005 u fid-19 ta' Awwissu 2012. Skont testment ricevut minn Nutar Francesca Borg tal-11 ta' Jannar 2010 (**Dok I)**, Edith Pace, permezz tat-13-il Artikolu, nnominat lill-Hector Spiteri flimkien ma' David Engerer, zewg l-attrici Joan Engerer, bhala ezekuturi Testamentarji taghha. Jirrizulta mhux ikkontestat li David Engerer irrinunzja ghall-kariga.

Illi b'Digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tad-9 ta' Frar 2015 moghti fuq talba tal-atturi odjerni fl-ismijiet *Danielle Mizzi et v Hector Spiteri fil-kwalita' tieghu ta' ezekutur testamentarju tal-eredita' ta' Edith Pace* ,(**Dok DM1)**[1] l-istess intimat gie inibit illi jagixxi ta' ezekutur testamentarju tal-eredita' tad-defunta Edith Pace sakemm tigi deciza l-kawza odjerna pendenti quddiem din il-Qorti.

**IT-TIENI ECCEZZJONI**

Illi din l-eccezzjoni hija marbuta mal-hames (5) talba attrici li tghid:-

*"5. Tikkundanna lill-konvenut Hector Spiteri sabiex jirrifondi s-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) lill-assi ereditarji tal-konjugi Pace fil-kwota ta' tlieta minn tmienja (3/8) lill-assi ereditarji ta' Hannibal Pace u hamsa minn tmienja (5/8) lill-assi ereditarji ta' Edith Pace."*

Flimkien ma' din it-talba, l-atturi ppremettew li Hector Spiteri baqa' izomm fil-pussess tieghu s-somma imsemmija, apparti li qed jigi allegat li kien qed jittanta jezegwixxi l-likwidazzjoni tal-wirt ta' Edith Pace minghajr

[1] esebit a fol 50-60 tal-process

ma jaghti kaz li parti mill-assi ereditarju u parti mill-prelegati u legati mhollija mit-testatrici jappartjenu lill-assi tal-premort Hannibal Pace.

**Sottomissjonijiet Orali**

Fit-trattazzjoni orali tieghu d-difensur tal-intimat Hector Spiteri ssottometta li mir-rikors promotur jirrizulta li l-*locus standi* ta' Hector Spiteri f'din il-kawza hija naxxenti mill-posizzjoni tieghu ta' ezekutur testamentarju u mhux fil-vesti personali tieghu. Ghalhekk il-hames talba attrici ma tistax tissussisti f'din il-kawza imma *semmai* kellu jitharrek f'gudizzju separat.

Id-difensur tal-atturi rribatta li l-okkju ma jispecifikax li Hector Spiteri huwa ccitat bhala ezekutur testamentarju, imma *ghal kull interess li jista' ikollu.* Huwa ccitat hekk proprju minhabba l-hames talba ghaliex il-likwidazzjoni tal-assi tinnecessita' li tigi stabbilita l-konsistenza tal-assi tat-testaturi, fosthom assi li jistghu jirrizultaw minn transazzjoni, sallum mhux spjegata, li ghamel allegatament l-istess Hector Spiteri. B'hekk ccita lill-intimat personalment u talab il-kundanna tieghu ghar-rifuzjoni tas-somma indikata fir-rikors promotur.

Ikkonsidrat li Hector Spiteri ma giex iccitat "*ghal kull interess li jista' jkollu <u>bhala ezekutur testamentarju</u> ta' Edith Pace*" imma "*ghal kull interess li jista' jkollu*" minghajr l-ebda limitazzjoni. Ghalhekk il-Qorti taqbel mat-tezi tal-atturi li dan jikkomprendi mhux biss lill-intimat *qua* ezekutur testamentarju, imma ukoll lill-intimat personalment. Jirrizulta inoltre li sallum, il-proceduri ghall-konferma tieghu bhala ezekutur quddiem il-Qorti Civili (Giursdizzjoni Volontarja) huma sospizi b'effett tal-Mandat ta'

Inibizzjoni gja fuq premess u ghalhekk anke l-kariga tieghu bhala ezekutur testamentarju ghadha sospiza.

Illi l-intimat lanqas mhu qed isostni li l-azzjoni hija inammissibbli, imma li l-hames talba attrici kellha tigi dedotta f'kawza separata billi m'ghandhiex x'taqsam mal-ezekutorija.

Illi l-kumulu ta’ azzjonijiet f’gudizzju wiehed huwa possibbli kontra pluralita’ ta’ konvenuti. L-attur jista’, kontra l-istess konvenut jitlob fl-istess kawza l-adempiment ta’ diversi obbligazzjonijiet, anke naxxenti minn kawzi jew titoli distinti per ezempju li jitlob il-hlas ta’ diversi sommom dovuti ghal ragunijiet diversi **(Art. 759 Kap 12).** Il-kriterju essenzjali huwa li jkun hemm konnessjoni bejn it-talbiet. (**“Anthony Camilleri vs Citadel Insurance plc et”** (P.A. (GV) 25 ta’ Frar 2005);

Illi hekk ukoll, fil-kaz fl-ismijiet **Joseph F. Spiteri pro et noe v Salvatore Giullaumier pro et noe,** il-Qorti tal-Kummerc (dec. fil-25 ta' Settembru 1964) irriteniet li: - "*Huwa maghruf li domandi jistghu jigu kumulati biex jigu evitati gudizzji izjed milli hemm bzonn pero' dejjem kompatibilment mal-esigenzi tal-kaz u meta dan il-kumulu ma jfissirx trattazzjoni differenti ghalhiex ikun hemm dika l-konessjoni intercedenti bejn ir-rapporti bejn l-attur u l- diversi konvenuti derivanti mill-istess titolu u mill-istess oggett tal-kontestazzjoni, li jissuggerixxu trattazzjoni unika u kwindi gudizzju uniku; diversament iridu jsiru tant gudizzju kemm ikun u l-konvenuti u t-trattazzjoni ssir separata. Konferma ta' dan il-principju tinsab fir-regoli li jifformaw l-istitut tal-kjamata fil-kawza, u cioe' l-integrita' tal-gudizzju u l-eliminazzjoni tal-molteplicita' tal-gudizzju fuq l-istess haga.*"

Illi ghalhekk ma hemm xejn fil-ligi li zzomm lill-atturi milli jipproponu din il-kawza kif ifformulata tenut kont il-konnessjoni vicina bejn it-talbiet. Ghalkemm huwa minnu li l-kawza odjerna hija wahda ghad-divizjoni tal-assi ereditarju u ghall-hlas tal-prelegati u legati, l-assi prelevati mill-intimat, sew bhala ezekutur testamentarju, sew personalment, jifformaw parti mill-assi ereditarju in kwistjoni. Il-hames talba attrici hija intrinsikament konnessa mat-talbiet ghal-likwidazzjoni u hija preordinata ghall-istess likwidazzjoni u eventwali divizjoni tal-assi.

Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi biex tichad din l-eccezzjoni sollevata mill-intimat.

**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi **tichad it-tieni eccezzjoni** tal-intimat Hector Spiteri u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**L-ispejjez jigu determinati fis-sentenza finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

----------------------------------TMIEM----------------------------------